**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 1/2019**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Carmelo Xerri**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Carmelo Xerri**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 695453(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer fis-17 ta' Awwissu 2013 kif ukoll fix-xhur ta' qabel din id-data:

1. ikkoltiva l-pjanta tal-*cannabis* bi ksur ta' Artikolu 8(c) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] *A fol.* 12 *et seq.*.

2. kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta *cannabis* kollha jew biċċa minnha bi ksur ta' Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. żamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tiegħu, taħt il-kontroll tiegħu jew ġarr barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu xi arma, u/jew munizzjon elenkati fl-Iskeda II rispettivament tal-Att dwar l-Armi mingħajr ma kellu liċenzja taħt dan l-Att bi ksur ta' Artikolu 5(1) tal-istess Att (Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija: i) tordna l-konfiska tal-arma u l-munizzjon  in kwistjoni, kif ukoll tħassar jew tissospendi l-liċenzja maħruġa taħt dan l-Att u tipprojbixxi lil persuna milli jkollha xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien mhux iżjed minn ħames snin meta dik il-persuna tinsab ħatja; ii) barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, skont Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-12 ta' Diċembru 2018, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(ċ), 8(d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 5(1), 51(2) u l-ewwel *proviso* tal-istess artikolu tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, u Artikoli 17(f) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet (a), (b) u (ċ) kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' elf u mitejn Euo (€1,200), li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, setgħet titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament kellu jsir fi żmien xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza b'dan illi jekk il-ħati kien ser jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ kien ser jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi. *Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-ħati għall-ħlas tal-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-

istadju tal-Process Verbal tal-inkjesta ossia s-somma ta' mija, ħamsa u tletin Euro u tmien ċenteżmi (€135.08), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tal-esperti tal-ballistika, is-somma ta' mitejn u ħmistax-il Euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (€215.41), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut, is-somma ta' erbgħa u erbgħin Euro u sitta u għoxrin ċenteżmu (€44.26), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni eżebita mis-*Scene of the Crime Officer* PS 826 Matthew Parnis u s-somma ta' mija u tmin Euro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€108.27), rappreżentanti spejjeż konnessi mar-relazzjoni tas-*Scene of the Crime Officer* PC 650 Justin Tabone, ammontanti komplessivament tali spejjeż għas-somma ta' ħames mija u tliet Euro u żewġ ċenteżmi (€503.02), liema spejjeż kellhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza. Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga, hekk kif is-sentenza kienet ser tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li kellu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument kellu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni. *Ai termini* ta' Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska tal-arma u l-munizzjon in atti favur il-Gvern ta' Malta u *ai termini* ta' Artikolu 57 tal-istess Kapitolu l-istess Qorti ssospendiet kwalunkwe liċenzja li l-ħati seta' jkollu taħt l-istess Att u pprojbitu milli jkollu tali liċenzja għal żmien tmintax-il xahar minn dakinhar li ngħatat is-sentenza.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2018 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b'hekk tillibera lill-appellanti minn kull akkuża dedotta kontra tiegħu."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-12 ta' Diċembru 2018.

Illi f'dan il-każ l-appellant kellu żewġ pjanti tal-kannabis li kienu għall-użu tiegħu bħala ikel għall-għasafar. Għal kull buon fini jingħad li minn dakinhar li ngħatat is-sentenza appellata fit-12 ta' Diċembru 2018, b'Att IV tal-2020 li jġib id-data tat-28 ta' Frar 2020 saru emendi kemm f'Artikoli 22(1B), 22(2)(a)(i) u 2(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta (fejn jirrigwarda kultivazzjoni) kif ukoll f'Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Permezz tad-dispożizzjoni transitorja fl-imsemmi Att, id-dispożizzjonijiet tal-Att kellhom japplikaw fil-mument tad-dħul fis-seħħ tal-Att għall-kawżi pendenti quddiem kwalunkwe qorti ta' ġuriżdizzjoni kriminali, kemm jekk fl-ewwel istanza jew appell. Apparti Att IV tal-2020, b'Att LXVI tal-2021 kien hemm emendi f'Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta liema emendi jirrigwardaw koltivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis għall-użu personali.

Illi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-<u>ewwel aggravju</u> tal-appellant huwa li r-raġunament tal-Ewwel Qorti kien għal kollox skorrett. Jgħid li kien sa mill-bidu

nett tat-tfittxija tal-Pulizija li kien spjega li kellu l-qanneb u li x-xtieli kien żerahom biex iġib il-qanneb minnhom għal għasafar li jrabbi hu stess. Jisħaq li l-punt kardinali mhux jekk hu jafx il-liġi jew le iżda l-punt huwa dwar l-element tax-xjenza, punt li l-Prosekuzzjoni trid tipprova flimkien ma' dak materjali. Jargumenta li l-element materjali f'dan il-każ qatt ma kien ikkontestat iżda ma kienx ippruvat l-intenzjoni bħala *mens rea* tiegħu. Jargumenta li dan l-element huwa rikjest biex jiġi ppruvat kull reat taħt Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li l-Qorti trid tkun moralment konvinta li l-pjanti li kienu għandu għaliex huwa kellu dik ix-xjenza li hija pertinenti għall-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux pjanti li kienu għandu biex tittieħed xi żerriegħa minnhom għall-għasafar. Jgħid li l-Ewwel Qorti kellha tindaga mhux jekk huwa kienx jaf li ż-żamma ta' żewġt xtieli kinitx illegali jew le iżda l-fatt li kellu dawn il-pjanti, l-aspett tal-intenzjoni kriminuża kif trid il-liġi f'dawn l-imputazzjonijiet kienx jeżisti jew le. Jgħid li hu ma kellu ebda ħsieb reituż f'din il-materja kollha u li l-Qorti dejjem tista' tiżen dak li jkun xehed xhud quddiemha għandux mill-verita' jew le.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-

Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[2]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. In fatti din il-Qorti rrivediet il-provi li hemm fl-atti processwali.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Ġie eżebiet il-Process Verbal (*a fol.* 18 *et seq.*) redatt mill-Maġistrat Inkwirenti li mexxa Inkjesta Maġisterjali li fiha ġew maħtura diversi esperti.

- L-Uffiċjal Prosekutur l-i**Spettur Dennis Theuma** (*a fol.* 83 *et seq.*) xehed li kienu nstabu pjanti li setgħu kienu kannabis. Jgħid li l-appellant allura imputat kien ikkoopera mal-Pulizija u refa' r-responsabilita' tal-pjanti kif ukoll tal-arma. Jgħid li l-appellant kien dilettant tal-għasafar u li xi ħbieb tiegħu kienu ssuġġerewlu li jekk jagħti l-pjanta tal-kannabis lill-għasafar seta' jkollu riżultati aħjar. Jgħid li l-biċċiet żgħar tal-kannabis li sabu l-Pulizija setgħu jingħataw lill-għasafar. Ma deherlux li l-imputat kellu intenzjoni li jispaċċja l-kannabis.

- Skont **PC 1589 Tariq Sheik** (*a fol.* 91 *et seq.*) kienu nstabu żewġ pjanti u li l-imputat beda jgħidilhom li ma kienx jaf x'inhuma dawk il-pjanti.

---

[2] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

- **PS 826 Matthew Parnis** (*a fol.* 73 *et seq.*) qal li eleva dak kollu neċessarju bħala *Scene of the Crime Officer*.

- **PC 650 Justin Tabone** (*a fol.* 75 *et seq.*) ħa wieħed u għoxrin (21) ritratt li jinsabu *a fol.* 54 *et seq.*.

- **PC 1348 Joseph Campbell** (*a fol.* 77 *et seq.*) xehed li kien ħa sehem fit-tfittxija u kkonferma li pjanta nstabet fil-gallarija u li kien hemm pjanta oħra fin-naħa ta' ġewwa fejn kamra tas-sodda. Jgħid li l-pjanti kienu xi metru jew metru u nofs.

- Ix-**Xjenzat Godwin Sammut** (*a fol.* 81 *et seq.*) għaraf ir-rapport (*a fol.* 30 *et seq.*) redatt minnu u qal li bħala konklużjoni fuq estratti meħuda mill-weraq u mill-pjanti nstabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*, li l-piż tal-weraq mingħajr għeruq u zkuk kien dak ta' 17.96 gramma u li l-purita' kienet dik ta' 8%.

- L-appellant allura imputat **Carmelo Xerri** (*a fol.* 96 *et seq.*) qal li ma kienx żera' l-pjanti imma li huma kienu riżultat tat-tilqit tal-għasafar, skalora, *sunflower* u qanneb. Kien jaf li dawn huma tajbin għall-vrieden u kien jagħtihom minnhom għan-namra. Jgħid li ma kienx jaf li x-xtieli kienu illegali u jgħid li lill-iSpettur kien qallu li kienu għall-għasafar. In kontro-eżami, il-Prosekuzzjoni fakkritu x'kien qal fl-istqarrija.

Illi għandu jingħad li l-Ewwel Qorti skartat l-istqarrija rilaxxata mill-appellant u dana għamlitu wara li kkunsidrat il-ġurisprudenza f'dan ir-rigward. Jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti skartat ukoll kull riferenza li saret għall-istqarrija. Din il-Qorti tqis li m'hemmx raġuni għala għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti dwar dan il-punt.

Illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qalet li ġialadarba l-koltivazzjoni tal-kannabis (u ċioè dak li ġie akkużat bih l-appellant allura imputat quddiemha) huwa delitt allura jinħtieġ li jkun ippruvat kemm l-element materjali kif ukoll l-element formali.

Jirriżulta li d-difiża ma kkontestax l-att materjal tar-reat u jirriżulta wkoll li l-Ewwel Qorti kienet konxja sew tas-sottomissjoni tad-difiża dwar l-att formali tar-reat li skont id-difiża ma jirriżultax. L-imsemmija Qorti kkunsidrat ukoll il-kwistjoni dwar l-injuranzja dwar il-liġi – *ignorantia legis neminem excusat*. L-Ewwel Qorti għamlet riferenza għal dak li xehed l-appellant allura imputat u kienet korretta meta qalet li l-injoranza tal-liġi ma tistkużakx. Dwar l-element formali tkellmet ukoll. Din il-Qorti mhijiex konvinta li l-appellant kien jaf x'kien qed jiżra. Jirriżulta mid-depożizzjoni mogħtija minnu quddiem l-Ewwel Qorti li huwa kkonferma li l-pjanti in kwistjoni kienu għall-għasafar u meta ġie mistoqsi jgħid kif spiċċa juża l-weraq in kwistjoni biex jagħlef il-vrieden, huwa wieġeb li wieħed Għawdxi qallu li hekk kienu jagħtuhom (lill-vrieden) għan-namra u jgħid li kellu riżultati tajbin. Għalhekk l-ewwel aggravju qed ikun milqugħ.

**Ikkunsidrat**

Illi t-tieni aggravju jaqra hekk: *"Illi in kwantu t-tielet akkuża taż-żamma tal-pistola dwar daka li għandu x'jaqsam l-akkuża relatata mad-Dwana, hawn ukoll jingħad li l-esponenti kien għamel arranġament amministrattiv mad-Dwana u għalhekk anqas kellu jkun akkużat b'dina l-akkuża, aħseb u ara kemm seta' jiġi misjub ħati. Illi għalhekk anke hawn b'rispett jingħad li l-Ewwel Qorti kienet skorretta."*

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li minn imkien ma jirriżulta li t-tielet (3) imputazzjoni għandha x'taqsam ma' xi ksur ta' xi Artikolu fil-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li t-tielet (3) imputazzjoni kienet miżjuda fis-seduta tal-1 ta' Lulju 2015 (*a fol.* 10) waqt li l-imputazzjoni dwar dazju u VAT inqatgħet barra kif jidher miċ-ċitazzjoni (*a fol.* 12). It-tielet (3) imputazzjoni hija li l-appellant żamm arma u/jew munizzjon barra minn xi fond jew fid-dintorni tiegħu mingħajr ma kellu liċenzja taħt il-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta bi ksur ta' Artikolu 5(1) tal-istess Kapitolu.

Illi jirriżulta li fil-verbal tas-seduta miżmuma fid-9 ta' Marzu 2016 (*a fol.* 90) hemm imniżżel hekk: *"Dr. Edward Gatt għad-difiża jikkonċedi li l-akkużat ma kienx munit b'liċenzja għall-arma mertu tal-kawża."* Skont ir-relazzjoni (*a fol.* 21 *et seq.*) tal-esperti tal-ballistika (l-eks Brigadier Maurice Calleja u PS 602 Jonathan Attard) li eżaminaw u rrelataw dwar is-sejba tal-arma u l-munizzjon in kwistjoni nstab li r-*revolver* kien tal-kalibru .38 u tip li jissejjaħ *British Bulldog*. Instab li l-istess *revolver* jieħu sitt balal fir-romblu tiegħu u kull meta jingħafas il-grillu, dan jispara. Dwar il-*bullets*, jirriżulta mill-istess relazzjoni illi b'kollox kien hemm sittax-il balla, kollha tal-kalibru .38, ossia l-istess kalibru tar-*revolver*. L-istess *bullets* kienu kollha kkargati. Fir-relazzjoni hemm imniżżel li r-*revolver* aktarx kien manifatturat għall-ħabta tas-sena 1910.

Illi jirriżulta li l-arma nstabet fuq l-appellant li skont PC 1348 Joseph Campbell (*a fol.* 78) ipprova jqegħda fil-ġenb. Skont l-iSpettur Dennis Theuma l-arma ma kinitx irreġistrata iżda kien infurmat li kien tħallas dak li kien dovut lid-Dipartiment tad-Dwana. L-appellant stess ammetta li kellu r-*revolver* u munizzjon waqt li kien qed jixhed. Jirriżulta li hija u tikkunsidra l-piena, l-Ewwel Qorti applikat l-ewwel *proviso* ta' Artikolu 51(2) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Meħud in konsiderazzjoni dan kollu, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu. B'hekk it-tieni aggravju qed ikun miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Carmelo Xerri u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie misjub ħati ta' imputazzjoni (ċ);

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi Proċess Verbal li jiddokumenta l-proċedura

tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti tal-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet ordnata l-konfiska tal-arma u l-munizzjon in atti favur il-Gvern ta' Malta;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet ordnata s-sospensjoni ta' kwalunkwe liċenzja li l-appellant jista' jkollu taħt l-istess Att u fejn huwa ġie pprojbit milli jkollu tali liċenzja għal żmien tmintax-il xahar millum;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie misjub ħati ta' imputazzjonijiet (a) u (b) u minflok tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħhom;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat piena ta' sitt (6) xhur priġunerija u multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u minflok tikkundanna lill-appellant għal ħlas ta' multa ta' tmien mitt Euro (€800) biss li b'applikazzjoni ta' Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar millum b'dan illi jekk l-appellant jonqos milli jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut minnufih u jiġi konvertit f'piena ta' priġunerija skont il-liġi;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn *ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-appellant ġie kkundannat iħallas l-ispejjeż tal-esperti maħtura fl-istadju tal-Process Verbal tal-inkjesta fl-ammont komplessiv ta' ħames mija u tliet Euro u żewġ ċenteżmi (€503.02) liema spejjeż kellhom jitħallsu mill-ħati fi żmien sitt (6) xhur mid-

data tas-sentenza u minflok *ai termini* tal-Artikolu tal-liġi msemmi tikkundanna lill-appellant sabiex iħallas biss l-ammont komplessiv ta' tliet mija u ħamsin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€350.49)[3] liema spejjeż għandhom jitħallsu mill-appellant fi żmien sitt (6) xhur millum.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**

[3] Brigadier Maurice Calleja u PS 602 Jonathan Attard (*a fol.* 25) (€135.08); Xjenzat Godwin Sammut (*a fol.* 35 *tergo*) (€215.41).